# KIF ĦMAR DAĦAL IL-ĠENNA

## (ĦRAFA TAL-MISILMIN)

Meta Allâh kien sa jgħarraq id-dinja, amar lil Nuħ li jagħmel arka u jidħol fiha ma' martu u wliedu u jdaħħal ukoll żewġ minn kull xorta ta' ħajjin. Meta Nuħ ġie sabiex idaħħal il-ħmar, il-ħmar ma riedx jidħol, u Nuħ beda jagħtih bil-għasa u bil-ġebel u qabbad lil uliedu jitfgħuh sa kemm fl-aħħar daħħluh min-nkejja fih. Il-ħmar ma riedx jidħol fl-arka għax Blis (jiġifieri x-xitan) kien qabad miegħu, għamla ta' xidja, u l-ħmar deheru li aħjar jegħreq hu u jegħreq miegħu Blis, inkella jeħles hu u miegħu jeħles Blis ukoll.

Wara li għaddiet il-Għarqa, Nuħ saqsa lill-Allâh, għaliex il-ħmar ma riedx jidħol fl-arka. U Allâh għarrfu għaliex. U qallu wkoll li bi ħlas tax-xebgħa li kien qala' bla ħtija l-ħmar, wieħed min-nisel tiegħu kellu jidħol fil-ġenna, u dana saħħ kif sa ngħidu hawnekk.

F'Ġerusalem kien hemm wieħed raġel tajjeb jismu Għâżer u dana kellu ħmar min-nisel tal-ħmar ta' Nuħ. Darba, kif Għâżer kien riekeb fuq il-ħmar, jara sabi maħmuġ, rasu bil-ħmewwa, kollha dud u brija, u Allâh nebbħu li dak issabi għad isir ħarrieb kbir u jħarbat lil Ġerusalem. Għal hekk Għâżer għajjat lis-sabi u ħadu d-dar miegħu u ġiegħelu jinħasel minn fuq s'isfel u temgħu u sqieħ u għarrfu x'kien nebbħu Allâh u tallbu jagħtih karta maħtuma minnu li fiha jwegħdu li meta jiġi fuq Ġerusalem, jurih ħniena, bħala ħlas talli kien għamel miegħu dik inħar. Il-karta s-sabi tahielu minnufih.

Għadda żmien u s-sabi kiber u sar ħarrieb u kien jismu Abu-Ħut-Nussur, u ġie jaħbat għal Ġerusalem. Kif qorob lejn Ġerusalem, mar jiltaqa' miegħu Għâżer u wrieh il-karta u Abu-Ħut-Nussur feraħ bih. Għâżer talbu ma jħarbatx il-belt imma Abu-Ħut-Nussur qallu li dak kien amar Allâh. U biex jurih li dak kien minnu, qabad il-qaws u tajjar tliet *vleġeġ*, lejn il-Għarb, lejn ix-Xmiel u lejn il-Qibla, u t-tlieta daru u ħabtu fuq is-saqaf tat-*Tempju* ta' Ġerusalem. Għal hekk Abu-Ħut-Nussur ħabat għal belt u ġarrafha sal-anqas ħaġra.

Imma Allâh kien wiegħed lil Għâżer li għad jarġa' jara lil Ġerusalem mibnija u mimlija bin-nies. Meta darba waħda kif Għâżer kien għaddej minn fuq Ġebel iż-Żejtun, riekeb fuq ħmar, u ħares lejn il-ħerba tat-*Tempju* u raħ kollu mġarraf, beda jidħak bejnu u bejn ruħu, għax ħassu ma jemminx il-kliem li kien qallu Allâh li kellu jara lil Ġerusalem mibnija u mgħammra mill-ġdid.

Imma Allâh bagħat fuq Għażer raqda twila u dam rieqed mitt sena. U meta stembaħ u ħares, ra lit-*Tempju* mibni u n-nies miexja fit-toroq ta' Ġerusalem qalb il-bini sabiħ u toroq nodfa. Għâżer għallewwel ma riedx jemmen lil għajnejh, imma meta ħares warajh, ra l-għadam tal-ħmar tiegħu, li dik id-darba kien riekeb fuqu. U l-għadam tal-ħmar beda jitħarrek u jagħqad għadma mal-oħra, u libes il-laħam u l-ġilda u qam beda jinħaq kemm jagħtuh griżmejh. U Allâh raġa' kellem lil Għażer u wrieh li kliemu kien saħħ u amru li jirkeb il-ħmar u jidħol il-Ġenna u jdaħħal ukoll miegħu lil ħmar tiegħu. U hekk kliem Allâh lil Nuħ u il Għażer kien intemm.

Il-għin basîra, imma l-jâd qasîra. Jiġifieri: *Il-għajn tara, imma l-id ma ġġibx.* Igħid hekk min ikun jaf x'għandu jagħmel, imma ma jkollux *mezzi* biex jagħmel. Bħal min ikun ta' ħila f'xi xogħol imma ma jkollux flus biex jiftaħ ħanut u jixtri l-għodda.

Id-deher bîk: sagħat magħak, sagħat għalîk. *Ix-xorti mal-bniedem; daqqa tgħinu u daqqa tfixklu.*

Tagħabna u xqejna u la xej ma lqejna. *Ħdimna u tħabatna, u fl-aħħar ma sibna xejn.* Hekk igħid min wara li jkun għaraq u xaraq, jiġrilu xi ħsara u kull ma jkun għamel jisfa fir-riħ.

Râħet is-sakra, w-aġat il-fakra. "Raħet" tfisser "marret", il-bqija jiftiehem sewwa bil-Malti. Ifisser li l-bniedem fil-furja jagħmel xi bluha, imma wara, meta l-furja tgħaddilu, iġib quddiem għajnejh kemm sa jkollu jbati.

Kelmet "jarejt" la għammrat wa la bejt. Il-kelma *jarejt* tfisser: *imqar li kien.* Bil-Malti għandna qawl jaqbel ma' dan: *Li kieku, kien, jewilla, qatt ma mlew ebda bixkilla.* Ifisser: mhux billi toqgħod tixtieq biss. Jekk trid xi ħaġa aħdem għaliha.

Ma asgħab min el-mawt, illa n-nedem bagħad il-fawt. *Ma hemm xejn aktar qalil mill-mewt ħlief l-indiema wara li jkunu qarrqu bik.*

Ma jarûħ jum u jiġi mitlu. *Ma jgħaddix jum u jiġi ieħor bħalu.*

Min jagħmel ma jħibb, jilqi ma jakrah. *Min jagħmel kull ma jogħġbu, isib ruħu f'dak li ma jogħġbux.* Bil-Malti hemm qawl, qadim għall-aħħar, jixbah lil dan: "Min igħid li jrid, jisma' x'illa jrid" (Vassalli).

Aħwat jeħki, għaqel jifhem. *L-iblaħ jitkellem, u ta' bil-għaqal jifhem.*

Mawt il-faqîr u tagħriset il-kebir, ma ħâd għaraf bihem. *Meta jmut wieħed fqir ew jagħmel xi ħtija wieħed kbir, ħadd ma jkun jaf.* Il-fqir, miskin, ħadd ma jagħti *każ* tiegħu; miet hu qisu miet ħmar. U l-għani, meta jagħmel xi ħtija, kulħadd jaħbihielu, għax ikollu sħabu qawwijin, hu jaħbi tagħhom u huma jaħbu tiegħu.

Il-mâl, an kân bi ġibtek, għabdek; an kan bi ġibet il-għajr, int għabdu. *Ġidek, jekk ikun ġewwa, jaqdik; imma jekk jkun barra, int taqdi lilu.* Għax jekk ikollok flus mislufa, trid toqgħod b'sebgħa għajnejn biex dak li jkun ma jaħrabx bihom; jekk ikun wiċċ ta' raba', trid toqgħod għassa biex ma jisirquhx. Dawna huma qwiel tal-Palestina, li hu hekk aktar milli hu f'Malta.

Għomrak la tqûl: "Ja bir, ma axrab minn majjâtek!" *Qatt la tgħid: "Ja bir, ma nixrobx mill-ilma tiegħek!"* Jiġifieri, tgħid qatt li din jew dik il-ħaġa ma jistax ikun li tgħaddi minn għalik.

Il-għîla bi dârak, wa l-muftâħ taħt żunnarak. *Żomm il-familja fid-dar u l-muftieħ tal-bieb fi ħżiemek.* Tħallix lil martek u l-uliedek jiġru 'l hawn u 'l hemm. Dawn qwiel ta' pajjiż Għarbi.